MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 187/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alex George Caruana Soler**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alex George Caruana Soler talli, bi ksur ta’ l-artikoli 43(1)(a) u 18(1) u 18(2) ta’ l-Att dwar Servizzi ta’ l-Ivjaggar u tat-Turizmu ghal Malta, fil-31 ta’ Awwissu 2010, ghall-habta tas-sitta u kwart ta’ fil-ghaxija u l-granet ta’ qabel din id-data, gewwa ‘Smiley Apartments’, Flats B, Wilga Street, San Giljan, mexxa jew ippermetta t-tmexxija ta’ xi attivita` turistika (postijiet ghal vaganzi) minghajr ma kien fil-pussess ta’ licenzja valida mahruga mill-Awtorita`.

Il-prosekuzzjoni talbet li jekk l-imsemmi Alex George Caruana Soler jinsab hati minn din il-Qorti, jigi kkundannat ihallas multa ai termini tad-dispozizzjonijiet ta’ l-artikoli 43(1) u (2) tal-Kap 409 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-24 ta’ Marzu 2011 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Alex George Caruana Soler hati ta’ l-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tieghu u konsegwentement minnha lliberatu;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fit-12 ta’ April 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat hati ta’ l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta’ l-Avukat Generali jirrigwarda l-fatt li l-ewwel Qorti ma sabitx lill-appellat hati ta’ l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu. Jghid li skond l-Avukat Dottor Michael Camilleri, l-appellat kien applika ma’ l-Awtorita` tat-Turizmu fit-8 ta’ Awissu 2010 ghal licenzja ghal *holiday furnished premises* fuq diversi *studio flats* geww l-blokk bl-isem ta’ Smiley Apartments f’Wilga Street, Paceville, izda l-ebda licenzja ma nharget minhabba oppozizzjoni ta’ sid l-appartamenti. L-appellant jirreferi wkoll ghax-xiehda ta’ l-*enforcement officer* Mario Kennaugh li qal li l-Awtorita` bdiet tinvestiga fuq rapport tas-sid, Francis Montanaro; li meta marru fil-post fit-2 ta’ Awissu 2010 sabu turisti joqoghdu hemm u anke l-*belongings* taghhom. Ghalhekk ikkuntattjaw lill-appellat u nfurmawh li kienu ser jipprocedu kontra tieghu ghax kien qieghed jopera attivita` turistika minghajr licenzja. Skond l-appellant, l-appellat gie notifikat b’*administrative fine* li ma hallasx. L-Avukat Generali jirreferi wkoll ghal dak li tipprovdi l-ligi fl-artikolu 43(5) tal-Kap. 409 tal-Ligijiet ta’ Malta dwar it-tip ta’ provi li tista’ tressaq il-prosekuzzjoni, u jtenni li l-appellat kellu jinstab hati ta’ l-imputazzjoni dedotta.

**6.** L-Avukat Dottor Michael Camilleri, bhala rapprezentant ta’ l-Awtorita` tat-Turizmu, xehed quddiem din il-Qorti izda ma ta ebda informazzjoni ta’ siwi, u billi kien gie ezentat milli jipprezenta “l-applikazzjoni” (ara verbal ta’ l-24 ta’ Marzu 2011 a fol. 9), ma kien ebda dokument fl-atti li seta’ jintwera lilu.

**7.** Xehed ukoll Mario Kennaugh, *field officer* ta’ l-Awtorita` tat-Turizmu. Huwa qal illi marru Smiley Apartments, Flat B, Wilga Street, Paceville, u hemm sabu “barranin” li kienu qeghdin hemm bhala *“holiday”*. Dawn kienu Rumeni jew Bulgari. Marru fil-post ghax kellhom rapport li fil-post hemm il-barranin u li l-post m’ghandux licenzja. Fil-post kien hemm il-bagalji taghhom. Skond dan ix-xhud kienu diga` marru darb’ohra fuq rapport simili u baghtu ghall-appellat biex ikellmuh u sa fejn jafu huma kellu japplika. Izda mbaghad dahal rapport iehor u pprocedew kontra tieghu. Stabbilew li kien l-appellat li ghandu kontroll fuq il-fond in kwistjoni mill-informazzjoni li tawhom “ir-residenti” li kien hemm fil-fond. Mid-diskors li qalu dawn in-nies, kienu se jitilqu dik il-gimgha stess. Ma kellhomx status ta’ residenti permanenti ghax mill-passaporti li wrewhom u li qalulhom “kienu sejrin dakinhar, f’dawk il-jumejn ta’ wara”. Fuq mistoqsija specifika tal-Qorti x’ivverifikaw, ix-xhud wiegeb: “Meta saqsejnihom kemm ha jdumu hawn Malta qalulna, ahna se nitilqu fejn naf jien jumejn wara, tlett ijiem wara.” Mistoqsi mid-difiza jekk staqsewhomx kinux impjegati fuq xoghol ta’ *marketing companies*, huwa wiegeb li staqsewhom u li dawn wiegbu li kienu Malta *“just for one week or two weeks”*. Ix-xhud qal ukoll li jidhirlu li l-fond kollu mhuwiex *guest house* jew *hostel* ghax imqassam f’appartamenti.

**8.** Din il-Qorti sejra tghid mill-ewwel li ma ngabitx prova minghajr dubju ragjonevoli li l-appellat kellu l-kontroll tal-fond *de quo*. Mario Kennaugh jghid li kienu n-nies fil-fond li ndikaw lill-appellat. Izda ghalkemm jghid illi baghtu ghalih wara l-ewwel rapport, fl-ebda mument ma jghid illi l-appellat ammetta li kellu tali kontroll. Jghid li meta kellmu lill-appellat l-ewwel darba, sa fejn jaf hu kellu japplika ghal licenzja izda sa meta marru t-tieni darba kienet ghadha

ma saritx applikazzjoni. Fir-rikors ta' appell tieghu l-Avukat Generali jghid li skond ir-rapprezentant ta' l-Awtorita` tat-Turizmu saret applikazzjoni fit-8 ta' Awissu 2010 – izda dwar dan ma ngabet l-ebda prova. Issir referenza ghal sid il-post li kien hu li rrapporta lill-appellat, izda dan ma ngabx bhala xhud. Inoltre lanqas ma saret il-prova li l-fond *de quo* ma kienx licenzjat ghax Mario Kennaugh jghid biss li kien hemm rapport li l-fond ma kienx licenzjat. Ghalhekk huwa rrilevanti jekk in-nies li kien hemm fil-fond kinux turisti jew le. Izda anke hawn din il-Qorti hi tal-fehma li ma kienx hemm prova cara jekk il-persuni kinux turisti fis-sens tal-ligi. Konsegwentement l-appell ta' l-Avukat Generali ma jimmeritax akkoljiment.

**9.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------